Nru. 18,292
Prezz/Price
€2.24

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 8 ta' Awissu, 2008
Friday, 8th August, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 681

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ħadd, it-3 ta' Awissu, 2008 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 666 tal-1 ta' Awissu, 2008, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-3 ta' Awissu, 2008
(OPM 1/2008)

GOVERNMENT NOTICES

No. 681

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister on Sunday, 3rd August, 2008 and that the arrangements made by Government Notice No. 666 of the 1st August, 2008, ceased to have effect accordingly.

3rd August, 2008

Nru. 682

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT (KAP. 435)

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 356)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 9 u 10 tal-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, qiegħed b'din in-notifikazzjoni jippubblika dan l-abbozz ta' regolamenti fejn jippermetti lil kull persuna perijodu ta' erba' ġimgħat biex tagħmel rappreżentazzjonijiet lid-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fejn tiddikjara kif, fil-fehma tagħha, ir-regolamenti proposti ma jkunux jipproteġu biżżejjed l-ambjent jew kif dawn ikunu restrittivi ż-żejjed bla bżonn jew jikkaġunawlha diffikultà jew telf ekonomiku u titlob għal reviżjoni ta' dak l-abbozz:-

Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar.

It-8 ta' Awissu, 2008

No. 682

ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 435)

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

BY virtue of the powers conferred by articles 9 and 10 of the Environment Protection Act, the Prime Minister, after consultation with the Malta Environment and Planning Authority, is hereby publishing the following draft regulations to allow any person a period of four weeks to make representations to the Director for Environment Protection of the Malta Environment and Planning Authority, stating how, in his opinion, the proposed regulations do not sufficiently respect the environment or how they are too unnecessarily restrictive or cause him hardship or economic loss and asking for a revision of such draft:-

Trees and Woodlands Protection Regulations, 2008.

8th August, 2008

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT
(KAP. 435)

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP
(KAP. 356)

Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6, 9, 11, 23 u 24 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent u l-artikolu 60 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar. Titolu.

TAQSIMA I:

INTERPRETAZZJONI U AMMINISTRAZZJONI

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsiriet.

"Area ta' Konservazzjoni Urbana" jew "AKU" tfisser ċentru storiku (qalba tar-raħal) kif indikata fi pjan regolatur jew pjan lokali jew f'*policies* ta' l-ippjanar oħrajn approvati;

"l-Awtorità Kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; A.L. 57 ta' l-2002.

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għall-ħarsien ta' l-ambjent fi ħdan l-Awtorità Kompetenti, jew dak ir-rappreżentant li jiġi nominat minnu;

"friegħi primarji" tfisser friegħi li joriġinaw miz-zokk jew zkuk prinċipali tas-siġra;

"friegħi sekondarji" tfisser friegħi li joriġinaw mill-friegħi primarji tas-siġra;

"'il barra miż-żoni ta' żvilupp" jew "ODZ" tfisser art li tinsab 'il barra mill-konfini taż-żoni ta' żvilupp skond pjan regolatur jew pjan lokali;

"intervent kirurġiku" tfisser kull kura meħtieġa biex teħles siġra mill-mard jew minn ħsara mekkanika, kollass strutturali, kif ukoll kura simili li tkun meħtieġa biex tipprevjeni aktar ħsara fuq siġra li jkollha xi ħsara minn qabel;

"miżuri ta' tħawwil kumpensatorju" tfisser it-tħawwil jew li jkun hemm disponibbli għadd ta' siġar minflok dawk li jkunu ġew meqruda jew maqlugħa, skond dispożizzjonijiet tal-linji gwida stabbiliti mill-Awtorità Kompetenti;

"persuna" tfisser kull persuna, sew naturali sew ġuridika, korporata jew mhix korporata, u tinkludi kull persuna li tkun qed taġixxi f'isimha jew taħt xi struzzjonijiet ta' prinċipal, mgħallem jew sid;

"qrib xi siġra" tfisser ħames metri 'l bogħod miċ-ċirkonferenza ta' djul is-siġra jew għaxar metri 'l bogħod miz-zokk tas-siġra, skond liema hi l-akbar;

"regolamenti ambjentali relatati" tfisser ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, u liġijiet oħra relatati; A.L. 311 ta' l-2006. A.L. 79 ta' l-2006.

"rekwiżiti għat-tipjip", "sigarett" u "tabakk" għandhom l-istess tifsira bħal dik speċifikata fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk; Kap. 315.

"sid" tfisser sew is-sid dirett sew kull persuna li jkollha titolu ta' kiri, enfitewsi jew kull għamla oħra ta' pussess, jew kemm is-sid tal-proprjetà u tat-titolu flimkien, solidalment jew separatament;

"siġra" tfisser xitla li jkollha z-zokk prim jew aktar, u friegħi sekondarji maqtugħa mill-art, u b'kuruna distinta, fl-istadji kollha ta' żvilupp tagħha;

"siġar imkabbra ortikulturalment" tfisser siġar li tkabbru fil-magħluq u f'ambjenti artifiċjali bħal art agrikola, ġonna privati, ġnub ta' toroq u żoni pavimentati, u teskludi siġar ġo żoni protetti jew f'arei barra miż-żoni ta' l-iżvilupp li jikbru fl-istat ambjentali naturali tagħhom, kemm jekk imħawwla oriġinarjament kemm jekk ma jkunux;

"sit" għandha tinkludi wkoll proprjetà waħda jew aktar, irrispettivament minn min ikun is-sid ta' dik il-proprjetà li tifforma parti mis-sit li tkun indikata bħala Żona fejn Jitħarsu s-Siġar skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6;

"speċi ta' siġar protetti" tfisser siġar li jidhru fl-Iskedi I u II li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti;

"żbir" tfisser il-prattika li jinqatgħu il-friegħi primarji, friegħi sekondarji, friegħi ġodda li għadhom kemm spuntaw u żraġen malparti t'isfel ta' siġra mkabbra ortikulturalment, bil-għan li jitneħħew l-partijiet tas-siġra li jkunu morda jew imħassra, jew biex jiġi kontrollat l-għoli jew il-ftuħ laterali, jew biex tiżdied il-produzzjoni tal-fjur jew tal-frott;

"Żona fejn Jitħarsu s-Siġar" tfisser sit ippubblikat fil-Gazzetta skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti;

"żoni protetti" tfisser kull żona li tiġi protetta permezz ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent jew skedata taħt l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, inklużi Żoni fejn Jitħarsu s-Siġar.

Amministrazzjoni. ta' dawn ir-regolamenti.

3. L-Awtorità Kompetenti għandha tkun responsabbli mill-amministrazzjoni, implimentazzjoni u infurzar ta' dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA II:

ĦARSIEN TAS-SIĠAR U TA' L-IMSAĠAR

Dikjarazzjoni ta' speċi protetti.
S.L.445.02.

S.L.10.22.

Kap. 356.

4. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 269 tad-19 ta' Lulju, 1933 rigward lista ta' siġar storiċi li għandhom importanza antikwarja, tar-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Protezzjoni ta' Siġar Koniferi, pubblikati permezz tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 328 tal-25 ta' Mejju, 1949 u ordnijiet għall-preservazzjoni ta' siġar maħruġin bis-saħħa ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, b'dan qiegħed jiġi dikjarat li:-

(a) l-ispeċi ta' siġar elenkati fi Skeda I ma' dawn ir-regolamenti huma protetti skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess Skeda I;

(b) siġar elenkati fi Skeda II ma' dawn ir-regolamenti huma protetti skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess Skeda II; u

(ċ) huma protetti is-siġar kollha li jinsabu f'Żoni fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'żoni oħra protetti, ħlief dawk is-siġar elenkati fi Skeda III.

Kriterji li bihom jintgħażlu siti importanti.

5. L-Awtorità Kompetenti għandha tħejji, u meta jkun adatt taġġorna, lista ta' siti importanti li:

(a) ikun fihom komunitajiet ta' msaġar rappreżentattivi ta' Malta; jew

(b) ikun fihom komunitajiet ta' msaġar u foresti li jinsabu f'periklu li jintilfu fiż-żoni ta' distribuzzjoni naturali tagħhom; jew

(ċ) ikun fihom komunitajiet ta' msaġar u foresti li ż-żoni ta' distribuzzjoni naturali tagħhom tkun naqset b'konsegwenza naturali jew minħabba f'rigressjoni kaġunata bl-intervent tal-bniedem jew għax iż-żona tkun minnha nnifisha waħda ristretta; jew

(d) ikun fihom ambjenti ta' msaġar li jkunu kritiċi għall-għajxien, riproduzzjoni u rkupru ta' speċi ta' flora jew fawna li jinsabu f'periklu, ikunu mhedda jew endemiċi; jew

(e) ikun fihom xi siġra waħda jew grupp speċifikat ta' siġar jew masġar ta' interess estetiku, storiku, kulturali, arborikulturali, xjentifiku, edukattiv jew għall-pajsaġġ; jew

(f) ikun fihom siġar li fl-opinjoni ta' l-Awtorità Kompetenti huma għeliem prominenti ta' relevanza partikolari għall-karatteristika tas-sit; jew

(g) ikun fihom speċi ta' siġar rari, mhedda jew li jinsabu f'periklu u li jkollhom distribuzzjoni ristretta f'Malta; jew

(h) ikunu komunitajiet ta' msaġar u foresti ta' importanza partikolari minħabba fl-interess xjentifiku, ekoloġiku, ta' biodiversità, bio-ġeografiku, kulturali jew għall-pajsaġġ jew edukattiv tagħhom; jew

(i) ikun fihom siġar storiċi li għandhom importanza antikwarja elenkati f'Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 269 tad-19 ta' Lulju, 1933; jew

(j) ikun fihom kollezzjoni ħajja *ex-situ* ta' siġar rari, mhedda jew li jinsabu f'periklu; jew

(k) fl-opinjoni ta' l-Awtorità Kompetenti jkun fihom karatteristiċi relevanti oħra simili għall-ħarsien li m'humiex msemmija hawn aktar qabel.

Identifikazzjoni ta' Żoni fejn Jitħarsu s-Siġar.

6. (1) Ġaladarba sit ikun magħżul mill-Awtorità Kompetenti skond il-kriterji stabbiliti f'regolamenti 5 ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità Kompetenti għandha tindika tali sit bħala Żona fejn Jitħarsu s-Siġar.

Dikjarazzjoni ta' Żoni fejn Jitħarsu s-Siġar.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tippubblika d-dettalji ta' tali sit jew siti, bil-konfini tagħhom immarkati, fil-Gazzetta.

(3) Kull tali Żona fejn Jitħarsu s-Siġar għandha titqies bħala żona mħarsa skond l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, u għandha tkun soġġetta għal dawn ir-regolamenti.

(4) Kull sit li jkun protett bħala Żona fejn Jitħarsu s-Siġar għandu jibqa' mħares minkejja kull ċirkostanza intiża jew aċċidentali, li biha:

(a) xi siġra li tinsab f'xi żona mħarsa bħal dik tiġi, kollha jew f'parti minnha, meqruda jew tmut; jew

(b) is-sit iġarrab xi impatt ieħor.

(5) Kull Żona fejn Jitħarsu s-Siġar li tkun ġiet dikjarata f'dawn ir-regolamenti għandha wkoll tifforma parti integrali man-Nisġa Ekoloġika Nazzjonali stabbilit bir-Regolament 5(1) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, u tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet l-oħra tar-regolament 5 ta' l-istess regolamenti.

Integrazzjoni fin-Nisġa Ekoloġika Nazzjonali.

A.L. 311 ta' l-2006.

7. Iż-Żoni fejn Jitħarsu s-Siġar li jkunu identifikati u mħarsa konformement mad-dispożizzjonijiet tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu reġistrati f'elenku miżmum għal dak il-għan. L-elenku msemmi għandu jinżamm f'forma elettronika b'mod li tkun tista' ssir riċerka sabiex jiġi stabbilit l-istat ta' sit.

Elenku reġistrat.

TAQSIMA III:

SPEĊI TA' SIĠAR LI JKUNU QEGĦDIN JIKKAĠUNAW DANNU LILL-BIODIVERSITÀ JEW LILL-AMBJENT NATURALI B'MOD ĠENERALI

8. (1) Is-siġar elenkati fi Skeda III ma' dawn ir-regolamenti huma meqjusa bħala speċi li jikkaġunaw dannu lid-diversità bioloġika ta' siġar jew imsaġar f'Malta, jew lill-ambjent naturali b'mod ġenerali.

Lista ta' speċi ta' siġar li jikkaġunaw dannu lill-bio-diversità.

(2) L-ebda persuna m'għandha tnissel, tiżra, tħawwel, timporta, tesporta, tittrasporta, tbiegħ jew tpartat xi speċi msemmija fi Skeda III ma' dawn r-regolamenti, sakemm ma tkunx awtorizzata kif imiss konformement mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' dawn ir-regolamenti.

Miżuri ta' titjib.

9. (1) L-Awtorità Kompetenti tista', fi żmien stabbilit minnha, tordna lil kull persuna responsabbli mill-art fejn tkun tinsab xi siġra msemmija fi Skeda III ma' dawn ir-regolamenti sabiex tneħħi, taqla', toqtol jew teqred lil dik is-siġra, fejn fl-opinjoni ta' l-Awtorità Kompetenti, dik it-tneħħija tkun tikkostitwixxi titjib għall-ambjent.

(2) Jekk il-persuna msemmija fid-dispożizzjoni preċedenti tonqos milli tħares ordni bħal dik, l-Awtorità Kompetenti tista' tneħħi, taqla', toqtol jew teqred lil dik is-siġra għas-spejjeż ta' dak il-persuna.

(3) Jekk il-persuna responsabbli mill-art fejn tkun tinsab dik is-siġra ma tkunx magħrufa, l-Awtorità Kompetenti tista' tippublika dik l-ordni fil-Gazzetta u tneħħi s-siġra għas-spejjeż tagħha wara disgħin ġurnata mill-pubblikazzjoni ta' l-ordni.

Twaqqif ta' l-importazzjoni ta' siġar.

10 L-Awtorità Kompetenti tista' twaqqaf l-importazzjoni ta' siġar li fl-opinjoni tagħha jistgħu jipperikolaw id-diversità bioloġika ta' siġar u msaġar f'Malta, jew li b'xi mod ikunu ta' detriment għall-ambjent, jew għal kull raġuni oħra ta' interess nazzjonali.

TAQSIMA IV:

REGOLAMENT TA' ATTIVITAJIET

Ħarsien tal-biodiversità.

11. Ebda persuna ma għandha twettaq azzjoni jew tipprova twettaq azzjoni, jew taġixxi b'tali mod li fil-fehma ta' l-Awtorità Kompetenti tista' tkun ta' ħsara għal xi siġra elenkata fi Skedi I u II ma' dawn ir-regolamenti, u, jew għad-diversità bioloġika ta' xi siġra jew komunitajiet ta' msaġar mħarsa f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona oħra mħarsa, ħlief għal siġar li jkollhom l-ispeċi elenkati fi Skeda III.

12. Ebda persuna ma għandha twaqqa' jew tipprova twaqqa', taqta' jew tipprova taqta', tneħħi jew tipprova tneħħi l-qoxra tas-siġra jew weraq tagħha, taqla' jew tipprova taqla', tneħħi jew tipprova tneħħi l-injam, twaħħal jew tipprova twaħħal xi ħaġa ma', jew b'kull mod teqred jew tipprova teqred, tagħmel ħsara jew tipprova tagħmel ħsara lil siġra jew xi partijiet minnha li hija elenkata fi Skedi I jew Skeda II jew xi siġra jew partijiet minnha li tkun tinsab f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona mħarsa oħra, ħlief għal siġar li jkollhom l-ispeċi elenkati fi Skeda III, ħlief bil-permess ta' l-Awtorità Kompetenti: Attivitajiet projbiti.

Iżda t-tqaċċit ta' weraq ma japplikax għal siġar li huma elenkati fi Skeda II.

13. Id-dispożizzjonijiet ta' regolament 12 m'għandhomx japplikaw meta: Meta ma japplikax ir-regolament 12.

(a) iż-żbir ta' siġar imkabbra b'mod ortikulturali elenkati fi Skeda I jew Skeda II, inklużi siġar imkabbra b'mod ortikulturali li jinsabu f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona mħarsa oħra, għal raġunijiet speċifiċi biex jipprevjenu aktar dannu f'siġra li tkun diġà` mħassra u biex titjieb s-saħħa ġenerali tagħha;

(b) iż-żbir ta' siġar imkabbra b'mod ortikulturali elenkati fi Skeda II, inklużi siġar imkabbra b'mod ortikulturali li jinsabu f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona mħarsa oħra, biex tikkontrolla t-tkabbir għar-raġunijiet speċifiċi li tiġi preservata il-forza tagħha, li tittejjeb is-saħħa ġenerali tagħha, ikun hemm titjib tal-produttività tal-frott jew biex tiġi evitata kull ħsara lil xi persuni jew xi ħsara li tista' ssir fi proprjetà;

(c) iż-żbir ta' siġar imkabbra b'mod ortikulturali elenkati fi Skeda I jew Skeda II, inklużi siġar imkabbra b'mod ortikulturali li jinsabu f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona mħarsa oħra, biex tikkontrolla t-tkabbir għar-raġuni speċifika li tiġi evitata l-introduzzjoni probabbli ta' insetti jew ġrieden fil-proprjetà:

Iżda fergħa primarja, fergħa sekondarja jew fergħa ġdida li għadha kemm spuntat li tkun se tinżabar għandha tkun tinsab f'distanza ta' 3 metri mill-ħitan tal-bini li jeħtieġ protezzjoni mill-introduzzjoni tal-ġrieden u insetti imsemmija;

(d) it-tneħħija u qlugħ ta' siġar taż-żebbuġ imħawwla mill-aħħar ġurnata ta' Diċembru 2000 f'żoni ODZ għall-produzzjoni taż-żejt, ħlief dawk li jinsabu f'Żoni fejn Jitħarsu s-Siġar u eskludi siġar taż-żebbuġ li għandhom aktar minn ħamsin sena.

(e) Il-qtugħ, twaqqiegħ, kura u, jew qirda ta' xi siġra li tkun infestata b'xi insetti jew ġrieden ta' kwarantina u li jagħmlu ħsara, u mard elenkat fi Skedi I u II mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kwarantina tal-Pjanti, wara konsultazzjoni adatta mad-direttur responsabbli għas-saħħa tal-pjanti: A.L. 97 ta' l-2004.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan r-regolament għandhom ikunu bla ħsara għar-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti u għal kull liġi jew regolament, dispożizzjoni, ftehim, pjan ta' maniġġar, ordni, permess jew liċenza jew kundizzjoni jew kunsens ieħor mogħti bis-saħħa ta' xi liġi oħra jew regolament ieħor.

14. (1) Ħadd m'għandu jitfa' jew jipprova jitfa', iqiegħed jew jipprova jqiegħed, iferra' jew jipprova jferra', iħalli jaqa' jew jasal jew jipprova jħalli jaqa' jew jasal xi bioċidi, defoljant, fertilizzant, aċtu, alkali jew xi materjal korrożiv, karburanti jew xi kombustibbli jew materjal splussiv, ilma salmastru, kimiċi jew xi materjal ieħor qrib xi siġra elenkata fi Skeda I jew Skeda II jew qrib xi siġra li tkun tinsab f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona mħarsa, li jista' jikkaġuna ħsara lis-siġra, għajr għal ilma mhux kontaminat għal skopijiet ta' tisqija u għajr sustanzi għall-kura tas-siġar u ta' l-għelieqi maħduma: Materjal li jagħmel ħsara.

Iżda f'Żoni fejn Jitħarsu s-Siġar, jew meta jkun bl-istess mod ġustifikat għal-għanijiet ta' konservazzjoni, l-Awtorità Kompetenti tista' tipprojbixxi dik it-tisqija jew kura jekk din tkun toħloq kunflitt ma' l-istat ta' konservazzjoni tas-siġar involuti jew mal-biodiversità taż-żona.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' tawtorizza l-użu ta' materjal projbit fis-subregolament (1) jew ta' kull kura oħra għal qerda ta' ħaxix ħażin jew interventi kirurġiċi li jistgħu fil-fehma tagħha jkunu meħtieġa.

15. Ħadd ma jista' jpoġġi, jipprova jpoġġi, jew iħalli lil min ipoġġi xi *tyre*, lastiku, *polystyrene*, karti, jew xi materjal ieħor li jaqbad jew jisplodi, qrib xi siġra elenkata fi Skeda I jew Skeda II jew qrib xi siġra li tkun tinsab f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona mħarsa. Materjal splussiv jew kombustibbli.

16. Ħadd ma jista' jordom jew jipprova jordom, jitfa' jew jipprova jitfa', ipoġġi jew jipprova jpoġġi xi ħamrija, demel, skart, żibel, ġebel, terrapien, metall ta' l-iskrapp jew xi skart qrib xi siġra elenkata fi Skeda I jew Skeda II jew qrib xi siġra li tkun tinsab f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona mħarsa. Rdim u tfigħ ta' materjal.

17. (1) Kull min iqabbad jew jipprova jqabbad xi nar qrib xi siġra elenkata fi Skeda I jew Skeda II, jew qrib xi siġra li tkun tinsab f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona oħra mħarsa, u b'hekk jikkaġuna xi ħsara bħala riżultat ta' użu imprudenti u negliġenti ta' rekwiżiti għat-tipjip, sigaretti jew tabakk, logħob tan-nar jew materjal ieħor li jaqbad, jew jonqos milli jieħu prekawzjonijiet xierqa f'dan ir-rigward, ikun ħati ta' reat. Nar.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan r-regolament ma japplikawx għal —

(a) persuna li tqabbad ħuġġieġa li tista' tiġi kontrollata, jew

(b) nar li jkun direttament konness ma' jew neċessarju għall-immaniġġar taż-Żona fejn Jitharsu s-Siġar jew f'xi żona oħra mħarsa in kwistjoni, b'kunsens mogħti minn qabel mill-Awtorità Kompetenti:

Iżda f'kull każ, il-persuna xorta għandha tibqa' responsabbli għal kull dannu dirett, indirett jew konsegwenzjali, li jsir lil xi siġra elenkata fi Skeda I jew Skeda II, jew qrib xi siġra li tinsab f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona oħra mħarsa. L-Awtorità Kompetenti tista' wkoll tieħu azzjoni bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti jekk il-persuna ma żżommx in-nar taħt kontroll, bħala riżultat ta' negliġenza jew b'ħażen.

Mergħa.

18. (1) Ħadd m'għandu jħalli jew jipprova jħalli annimali li, meta jkunu qegħdin jirgħu, jagħmlu ħsara lil xi siġra elenkata fi Skeda I jew Skeda II ma'dawn ir-regolamenti.

(2) Ħadd m'għandu jħalli jew jipprova jħalli bhejjem jirgħu f'xi Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żoni oħra mħarsa.

(3) Is-sid ta' xi bhima li jikkaġuna ħsara bħal dik jista' jiġi ordnat iħallas għall-ħsara kaġunata skond ma tista' tiddeċiedi l-Qorti. Jekk il-bhima tkun ta' aktar minn sid wieħed, is-sidien kollha jistgħu jiġu ordnati biex solidalment iħallsu kumpens għall-ħsara kaġunata minn dik il-bhima.

TAQSIMA V:

DISPOŻIZZJONIJIET SUPPLIMENTARI FUQ PERMESSI RELATATI

Dispożizzjonijiet supplimentari relatati ma applikazzjonijiet għal permessi ta' żvilupp.

19. (1) Permess ta' żvilupp taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp m'għandux jingħata jekk dan jista' jaffetwa b'mod ħażin siġar elenkati fi Skeda I jew Skeda II ma'dawn ir-regolamenti jew ikun jaffetwa l-integrita` ta' Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew xi żona oħra mħarsa, sakemm l-Awtorità Kompetenti ma tkunx sodisfatta li tali effett jista' jkun għalkollox u b'mod sigur evitat permezz ta' miżuri, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet adatti fil-permess.

(2) Kull meta ma jkunx ċar għall-Awtorità Kompetenti jekk żvilupp, kemm individwali kemm magħqud ma pjanijiet jew proġetti oħra, jista' jkollu effett negattiv fuq xi siġar elenkati fi Skeda I jew Skeda II ma'dawn ir-regolamenti jew xi Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona oħra mħarsa, l-Awtorità Kompetenti tista':

(a) tirrifjuta l-applikazzjoni; jew
(b) timponi kundizzjonijiet adatti fil-permess; jew
(c) tadotta tagħqida tal-miżuri msemmija skond kif ikun adatt fil-kuntest ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artiklu għandhom japplikaw kemm għal permess ta' żvilupp *outline* kif ukoll għal permess ta' żvilupp *full*, u għandhom japplikaw ukoll meta tkun qegħda tiġi stabbilita konsiderazzjoni mill-ġdid jew appell skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(4) Żvilupp li jista' jkollu effett negattiv fuq xi siġar elenkati fi Skeda I jew Skeda II ma'dawn ir-regolamenti jew xi Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żoni oħra mħarsa, m'għandux ikun permess b'ordni ta' żvilupp skond l-artikolu 31 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, jew b'xi aplikazzjoni għal modifiki minuri f'permess ta' żvilupp li jkun diġà nħareġ.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 39A ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, għandhom japplikaw f'każ li xi siġra protetta b'dawn ir-regolamenti tiġi affetwata b'mod sinifikanti u kuntrarju bil-ħruġ ta' permess ta' żvilupp b'mod mhux korrett, mhux komplet jew li jkollu informazzjoni falza meta ssir l-applikazzjoni għal permess. F'każ bħal dak, kull permess relatat maħruġ bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun ukoll null u bla effett.

20. Applikazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' regolamenti oħra maħruġa bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, għandhom ikunu koperti bid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' dawn ir-regolamenti. Applikazzjonijiet għal permessi ambjentali.

TAQSIMA VI:
PERMESSI BIS-SAĦĦA TA' DAWN IR-REGOLAMENTI

21. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ permess qabel ma jitwettqu xi attivitajiet regolati b'dawn ir-regolamenti: Permessi.

Iżda l-Awtorità Kompetenti m'għandhiex toħroġ permess bħal dak jekk, wara li tikkonsidra l-attività proposta, tkun tal-fehma li l-attività mhix ġustifikata jew li l-impatt negattiv ta' l-attività jkun akbar minn xi benefiċċji possibbli.

Interventi mhux permessi.

22. Mingħajr preġudizzju għal regolamenti ambjentali relatati, ebda permess maħruġ bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti m'għandu jippermetti interventi li:

(a) jkunu diġà proposti f'applikazzjoni għal permess, awtorizzazzjoni jew liċenza magħmula taħt ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent jew l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, li jkunu għadhom qegħdin jiġu proċessati, emendati, rikonsidrati jew appellati skond xi Att imsemmi hawn aktar qabel.

(b) jistgħu jaffetwaw il-merti ta' tali ipproċessar, emendi, konsiderazzjoni mill-ġdid jew appell;

(c) jistgħu jaffetwaw l-merti ta' talba għal xi awtorizzazzjoni jew liċenza meħtieġa għall-atti msemmija hawn aktar qabel, jew jistgħu jaffetwaw il-merti ta' appell minn xi deċiżjoni dwarhom; jew

(d) jistgħu jaffetwaw xi każ ta' infurzar, każ fil-qorti jew każijiet oħra li jkunu għadhom *sub-judice*.

Għandha ssir applikazzjoni bil-miktub.

23. (1) Il-persuna li tkun qegħda titlob permess għall-attivitajiet imsemmija fir-regolament 21, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-applikant, għandha tippreżenta applikazzjoni bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti qabel ma twettaq attivitajiet bħal dawk.

(2) Sabiex l-Awtorità Kompetenti tkun tista' tevalwa talba għal permessb'mod adegwat, l-applikazzjoni:

(a) għandu ikollha d-dokumenti relevanti u kull informazzjoni oħra meħtieġa kif speċifikat mill-Awtorità Kompetenti; u

(b) għandha tindika jekk l-applikazzjoni taqax taħt xi wieħed mill-kriterji (a) sa (d) tar-regolament 22.

Kundizzjonijiet li jkunu japplikaw.

24. (1) Kull meta l-Awtorità Kompetenti toħroġ permess, hija għandha timponi dawk il-kundizzjonijiet li tqis li jkunu adatti.

(2) Il-perjodu kemm idum validu dak il-permess għandu jiġi wkoll stabbilit skond ma tiddeċiedi l-Awtorità Kompetenti, u dan għandu jiġi indikat b'mod ċar fil-permess.

(3) Kull meta l-Awtorità Kompetenti tirrifjuta permess bħal dak, hija għandha tinforma lill-applikant bir-raġunijiet li jkunu wasslu għal dak ir-rifjut.

(4) L-Awtorità Kompetenti tista' temenda, tissospendi jew tirrevoka kull permess jew awtorizzazjoni oħra għal attivitajiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dawn ir-regolamenti, filwaqt li tagħti raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

(5) Permess maħruġ taħt dawn ir-regolamenti jkun null u bla effett jekk xi siġra mħarsa taħt dawn ir-regolamenti tkun affetwata b'mod sinifikattiv u kuntrarju minħabba fil-ħruġ ta' xi permess li jkun inħareġ fuq bażi ta' informazzjoni ħażina, mhux kompleta jew falza fl-applikazzjoni għal dak il-permess.

(6) L-Awtorità Kompetenti m'għandha toħroġ jew iġġedded ebda permess jekk l-applikant in kwistjoni jkun kiser xi patt, kundizzjoni, obligazzjoni jew limitazzjoni:

(a) ta' xi permess ieħor maħruġ mill-Awtorità Kompetenti bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti;
(b) ta' xi permess ieħor maħruġ mill-Awtorità Kompetenti relatat mas-sit li dwaru kien maħruġ il-permess, kemm jekk taħt dawn ir-regolamenti kemm xort'oħra; jew
(c) ta' xi permess ieħor maħruġ permezz tar-regolamenti ambjentali li jkollhom x'jaqsmu ma' dan.

Miżuri ta' kumpens dwar it-tħawwil.

25. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tapplika miżuri ta' kumpens dwar it-tħawwil għall-qlugħ permess ta' siġar elenkati fi Skeda I jew Skeda II, jew ta' xi siġra li tinsab imsemmija f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'xi żona oħra mħarsa.

(2) Dan it-tħawwil li jsir b'kumpens għandu wkoll jkun applikat f'każ ta' qerda ta' siġar li ssir kontra l-liġi, mingħajr preġudizzju għal penali relevanti li jiġu imposti.

Permessi li jikkonċernaw studji xjentifiki jew edukattivi *bona fide*.

26. (1) F'permessi li jikkonċernaw studji xjentifiki jew edukattivi *bona fide*, u mingħajr preġudizzju għal obligazzjonijiet u kundizzjonijiet oħra imposti mill-Awtorità Kompetenti, id-detentur ta' permess għandu jippreżenta fi żmien xahar mid-data ta' l-iskadenza tal-permess:

(a) rapport dettaljat ta' l-attivitajiet li jkunu saru;
(b) l-għan jew attività tax-xogħol li jkunu ġew imwettqa;
(c) il-metodoloġija użata;
(d) l-effett u r-riżultat miksub in konnesjoni mal-permess; u
(e) dawk id-dettalji l-oħra kollha li jistgħu jkunu mitluba fil-permess mill-Awtorità Kompetenti.

(2) Kopja tar-riżultati li jkunu ġew pubblikati u ta' kull publikazzjoni oħra rilevanti għal dak il-permess għandhom jaslu għand l-Awtorità Kompetenti fi żmien tlett xhur mid-data tal-pubblikazzjoni.

Permessi li jinħarġu b'urġenza.

27. Id-Direttur, jista', għan-nom ta' l-Awtorità Kompetenti, f'każi ta' emerġenza jew periklu gravi, joħroġ permess temporanju għal twettiq ta' xi attivitajiet regolati b'dawn ir-regolamenti, u b'dan jista' joħroġ dawk id-direttivi u d-deċiżjonijiet li jħoss li jkunu adatti.

Reġistru pubbliku.

28. Dettalji ta' persuni, entitajiet pubbliċi u istituzzjonijiet oħra li jkun inħarġilhom permess relatat ma' dawn ir-regolamenti flimkien mad-dettalji tal-kundizzjonijiet imposti f'dawk il-permessi għandhom jiġu reġistrati f'reġistru elettroniku li jkun aċċessibli għall-ispezzjoni tal-pubbliku.

Persuna li tkun fuq is-sit għandu jkollha fuqha kopa tal-permess.

29. Waqt it-twettiq ta' attività jew xogħol permess, kopja tal-permess għandha tkun fil-pussess ta' persuna li tkun fuq s-sit waqt dik l-attività jew xogħol. Dan il-permess għandu jkun disponibbli għal kull uffiċjal ta' l-Awtorità Kompetenti u għal kull uffiċjal ta' l-infurzar ieħor awtorizzat, inkluż uffiċjal tal- Pulizija jew tal-Forzi Armati, Gwardjani Lokali u Spetturi ta' l-Ambjent, meta dan jiġi hekk mitlub.

TAQSIMA VII:

PENALI

Pieni.

30. (1) Kull persuna li: —

(a) tonqos li tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regola menti, jew ta' xi ordni oħra leġittimament mogħtija skond xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni, jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti, jew

(c) taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regoamenti, jew

(d) li tiftiehem jew tipprova tiftiehem, tgħin jew tipprova tghin, tħajjar jew tipprova tħajjar, tagħti parir jew tipprova tagħti parir, tqabbad jew tipprova tqabbad lil xi persuna oħra biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tonqos milli tikkonforma ma' xi waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, inkluż kull ordni leġittimament mogħtija bis-saħħa ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposti minn dawn ir-regolamenti jew taħthom

tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

(2)Kull persuna li tagħmel, jew tipprova tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti, tista', meta tinsab ħatja:

(a) ta' l-ewwel reat rigward siġar li huma elenkati fi Skeda I jew siġar li jinsabu f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'żoni mħarsa oħra ħlief għal dawk l-ispeċi elenkati fi Skeda III, teħel multa ta' mhux anqas minn €500 iżda mhux iżjed minn €2,500 għal kull siġra ta' taħt l-għaxar snin fl-età, ħlief għall-ewwel reat konness mar-regolament 18, u miżuri ta' tħawwil kumpensatorju bħala dejn ċivili;

(b) ta' l-ewwel reat rigward siġar li huma elenkati fi Skeda I jew siġar li jinsabu f'Żona fejn Jitħarsu s-Siġar jew f'żoni mħarsa oħra ħlief għal dawk l-ispeċi elenkati fi Skeda III, teħel multa ta' mhux anqas minn €1,250 iżda mhux iżjed minn €25,000 għal kull siġra ta' aktar minn għaxar snin fl-età, ħlief għall-ewwel reat konness mar-regolament 18, u miżuri ta' tħawwil kumpensatorju bħala dejn ċivili;

(c) ta' l-ewwel reat rigward siġar li huma elenkati fi Skeda II ma' dawn ir-regolamenti teħel multa ta' mhux anqas minn €250 iżda mhux iżjed minn €2,500 għal kull siġra ta' taħt l-għaxar snin fl-età, ħlief għall-ewwel reat konness mar-regolament 18, u miżuri ta' tħawwil kumpensatorju bħala dejn ċivili;

(d) ta' l-ewwel reat rigward siġar li huma elenkati fi Skeda II ma' dawn ir-regolamenti teħel multa ta' mhux anqas minn €350 iżda mhux iżjed minn €25,000 għal kull siġra ta' aktar minn għaxar snin fl-età, ħlief għall-ewwel reat konness mar-regolament 18, u miżuri ta' tħawwil kumpensatorju bħala dejn ċivili;

(e) ta' l-ewwel reat rigward ir-regolament 8 jew ir-regolament 18 ta' dawn ir-regolamenti teħel multa ta' mhux anqas minn €50 iżda mhux iżjed minn €500 għal kull siġra;

(f) tat-tieni reat jew għal kull reat ieħor sussegwenti, multa ta' mhux anqas minn €1,250 iżda mhux iżjed minn €50,000 għal kull siġra, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Spejjeż għar-rimedju u għall-mitigazzjoni.

(3) Kull persuna li tinsab ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti għandha, minbarra l-miżuri ta' tħawwil kompensatorju bħala dejn ċivili, ukoll tħallas:

(a) l-ispejjeż kollha meħtieġa għal rimedju tad-dannu kaġunat b'dak il-ksur, skond kif jidhrilha l-Awtorità Kompetenti;

(b) kull spiża jew miżura ta' mitigazzjoni oħra meħtieġa bħala rimedju għal dak li jkun sar, dannu u ksur, jew biex tikkontrolla jew tipprevjeni li jinfirex aktar l-impatt; u

(c) il-valur monetarju likwidat ta' telfa irreparabbli jew dannu lill-ambjent, diversità bioloġika, pajsaġġ, wirt naturali jew wirt kulturali, skond ma jista' jkun meħtieġ minn dawn ir-regolamenti. Kawżi ta' dannu.

(4) Il-Qorti għandha tordna lill-persuna misjuba ħatja tar-reat biex tneħħi dak kollu li jkun sar bi ksur tal-liġi, kif ukoll dak kollu li jkun sar mingħajr permess, fi żmien suffiċjenti biex dan ikun jista' jsir, u dak iż-żmien m'għandu f'ebda każ ikun jeċċedi l-perjodu ta' tlett xhur mid-data tas-sentenza skond ma jiġi stabbilit mill-Qorti, u jekk il-persuna misjuba ħatja tar-reat tonqos milli tagħmel dak ordnat lilha fiż-żmien mogħti lilha, hija tista' teħel multa ta' mhux anqas minn €50 u mhux iżjed minn €150, skond ma jista' jiġi stabbilit mill-Qorti, għal kull ġurnata li hija tkompli tonqos minn dak li jiġi mitlub minnha wara l-perjodu mogħti lilha.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' artikolu 23 u tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal proċedimenti rigward reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jikseb liċenza, permess jew awtorità ma għandhom f'ebda każ ikunu għal inqas minn sena. Kap. 9.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat li jikser dawn ir-regolamenti, huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u għandhom isiru skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati ta' ġudikatura kriminali.

(7) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu dejjem jedd li jagħmel appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti rigward reati bi ksur ta' dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA VIII:

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA

31. Ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar, qegħdin b'dawn jiġu revokati. Jirrevoka A.L. 12 ta' l- 2001.

SKEDA I
SIĠAR IMĦARSA STRETTAMENT

Is-siġar li ġejjin huma mħarsa f'kull lokalità ta' Malta:

(a)Siġar ta' importanza antikwarja kif elenkati f'Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 269 ta' l-1933;

(b)Siġar imħarsa b'Ordnijiet għall-Ħarsien tas-Siġar maħruġa bis-saħħa ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp; u

(c)Siġar li huma ta' l-ispeċi elenkati fit-tabella li ġejja:

ISEM XJENTIFIKU	ISEM BIL-MALTI	ISEM BL-INGLIŻ
Anagyris foetida	Ful tal-Klieb	Bean Trefoil Tree
Celtis australis	Bagular	Nettle Tree
Ephedra fragilis	Efedra	Shrubby Horsetail; Joint Pine
Fraxinus angustifolia	Fraxxnu; Siġar tal-Paċenzja	Narrow-Leaved Ash
Lycium europaeum	Għawseġ	Mediterranean Tea-Tree; Mediterranean Boxthorn
Lycium intricatum	Għawseġ	Southern Tea-Tree; Southern Boxthorn
Mespilus germanica	Omm il-Epp; Fomm il-Lipp; Naspli Tedeski	Medlar; Mediterranean Medlar
Paliurus spina-christi	Xewk tal-Kuruna; Xewk ta' Kristu	Christ's Thorn Tree
Phillyrea latifolia	Olivastru	Mock Privet; Jasmine Box
Phillyrea media	Olivastru	Mock Privet; Jasmine Box
Pistacia x saportae	Deru Bagħal	Hybrid Mastic Tree
Pistacia terebinthus	Skornabekk; Terebintu; Siġar tat-Trementina	Terebinth; Turpentine Tree
Prunus spinosa	Prajn tax-Xewk	Sloe; Blackthorn
Pyrus amygdaliformis	Langas Selvaġġ	Almond-Leaved Pear
Pyrus pyraster	Langas Bagħal; Langas Selvaġġ	Wild Pear
Pyrus syriaca	Langas Selvaġġ	Syrian Pear
Rhamnus oleoides	Żiju	Lesser Buckthorn; Olive-Leaved Buckthorn
Rhus coriaria	Xumakk tal-Konz	Common Sumach
Salix alba	Safsaf Kbir; Żafżaf Kbir	White Willow
Salix pedicellata	Safsaf Żgħir; Żafżaf Żgħir	Mediterranean Willow

Tetraclinis articulata	Għargħar	Arar tree; Sandarac Gum Tree; Mediterranean Alerce
Ulmus canescens *[=Ulmus minor subsp. canescens]*	Nemmies; Siġar tan-Nemus	Hoary Elm; Grey-Leaved Elm
Ulmus minor *[=Ulmus minor subsp. minor]*	Ulmu	Common Elm
Ulmus procera	Ulmu	English Elm
Vitex agnus-castus	Virgi; Siġar tal-Virgi; Għadib; Bżar tal-Patrijiet	Chaste Tree; Virgin Bush.

SKEDA II

SIĠAR IMĦARSA F'ŻONI MAGĦŻULA

Is-siġar li ġejjin huma b'dan imħarsa, skond il-pattijiet u kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Is-siġar kollha li għandhom 'il fuq minn 50 sena fl-età huma mħarsa f'żoni mħarsa, f'żoni ODZ, u f'żoni AKU. Dan il-ħarsien m'għandux japplika għall-siġar elenkati fi Skeda III u għal dawk is-siġar li, fil-fehma ta' l-Awtorità Kompetenti, ikunu qegħdin jikkaġunaw dannu jew impatt negattiv lill-ambjent jew lill-istrutturi jew karatteristiċi ta' valur għall-wirt naturali jew kulturali;

(b) Siġar li jappartjenu lill-ispeċi elenkati fit-tabella li ġejja huma mħarsa f'żoni mħarsa u f'żoni ODZ:

ISEM XJENTIFIKU	ISEM BIL-MALTI	ISEM BL-INGLIŻ
Ceratonia siliqua	Ħarrub	Carob
Cercis siliquastrum	Siġar ta' Ġuda; Ħarrub ta' Ġuda	Judas Tree; Mediterranean Redbud
Chamaerops humilis	Ġummar	Dwarf Fan Palm
Crataegus azarolus	Għanżalor	Azarole; Crete Hawthorn
Crataegus monogyna	Żagħrun	Whithorn; Common Hawthorn
Crataegus x ruscinonensis	Għanżalor Selvaġġ	Hybrid Hawthorn
Cydonia oblonga	Sfarġel	Quince
Ficus carica	Tin	Fig Tree
Juniperus phoenicea	Ġnibru; Ġniepru	Phoenician Juniper
Laurus nobilis	Rand	Bay Laurel; Sweet Bay
Morus alba	Ċawsli	White Mulberry
Morus nigra	Tut	Black Mulberry
Myrtus communis	Riħan	Myrtle
Olea europaea s.l.	Żebbuġ; Żejtun	Olive
Olea oleaster	Żebbuġ Selvaġġ	Wild Olive
Periploca angustifolia	Siġret il-Ħarir	African Wolfbane
Pinus brutia	Żnuber tal-Lvant	Brutia Pine; Calabrian Pine
Pinus halepensis	Żnuber; Siġar tal-Prinjol; Siġar ta' l-Arżnu	Aleppo Pine; Jerusalem Pine
Pinus pinea	Żnuber ta' l-Ikel	Stone Pine; Umbrella Pine
Pistacia lentiscus	Deru; Delu	Lentisk; Mastic Tree
Populus alba	Luq	White Poplar
Prunus dulcis [=Amydalus communis]	Lewż	Almond Tree
Quercus ilex	Ballut; Siġar tal-Ġandar	Holm Oak; Evergreen Oak
Quercus robur	Ballut Ingliż; Siġar tar-Ruvlu	English Oak; Pedunculate Oak
Rhamnus alaternus	Alaternu	Mediterranean Buckthorn
Sambucus ebulus	Nittien; Sebuq Selvaġġ	Dwarf Elder
Sambucus nigra	Sambuka; Sebuq Kbir	Common Elder

Sorbus aucuparia	Żorba Selvaġġa	Rowan; Mountain Ash
Sorbus domestica	Żorba	Service Tree
Spartium junceum	Ġenista Safra	Spanish Broom
Tamarix spp.	Bruk	Tamarisks
Viburnum tinus	Meruna; Viburnum	Laurustinus
Ziziphus zizyphus *[= Ziziphus jujuba]*	Żinżel	Jujube

SKEDA III

SPEĊI INVASIVI, ALJENI JEW INKOMPATIBBLI MA' L-AMBJENT

ISEM XJENTIFIKU	ISEM BIL-MALTI	ISEM BL-INGLIŻ
Acacia cyclops	Akaċja ta' l-Għajn	Coastal Wattle
Acacia saligna [= *Acacia cyanophylla*]	Akaċja	Blue-Leaved Wattle; Blue-Leaved Acacia; Weeping Wattle
Acacia karroo [= *Acacia horrida* auct. fl. Melit.]	Gażżija tax-Xewk; Xewk ta' Kristu; Akaċja tax-Xewk	Karroo Thorn
Agave spp.	Agave; Sabbar	Century Plants
Ailanthus altissima [= *Ailanthus glandulosa*]	Xumakk; Xumakk Falz	Tree-of-Heaven; False Sumach; Japanese Varnish Tree
Casuarina spp.	Każwarina	She-Oak
Eucalyptus camaldulensis [= *Eucalyptus rostrata*]	Ewkaliptus; Siġra tal-Gamiem	Red Gum; Red River Gum
Eucalyptus gomphocephala	Ewkaliptus; Siġra tal-Gamiem	Tuart
Leucaena leucocephala [= *Acacia leucocephala*; *Albizzia lebbek* auct. fl. Melit.]	Albizzja; Gażżija Bajda	Lead Tree; White Popinac; Cow Tamarind
Ricinus communis	Riġnu	Castor Oil Tree
Schinus terebinthifolius	Siġra tal-Bżar	Brazilian Pepper

ENVIRONMENT PROTECTION ACT
(CAP. 435)
DEVELOPMENT PLANNING ACT
(CAP. 356)

Trees and Woodlands Protection Regulations, 2008

BY virtue of the powers conferred by articles 6, 9, 11, 23 and 24 of the Environment Protection Act, and article 60 of the Development Planning Act, the Prime Minister has made the following regulations:-

1. The title of these regulations is the Trees and Woodlands Protection Regulations, 2008 Citation.

PART I:

INTERPRETATION AND ADMINISTRATION

2. In these regulations, unless the context otherwise requires: Definitions.

"compensatory planting measures" means the planting or making available of a number of trees as a replacement for every damaged or uprooted tree, on the basis of the provisions of guidelines established by the Competent Authority;

"the Competent Authority" means the Malta Environment and Planning Authority; L.N. 57 of 2002.

"Director" means the Director responsible for environment protection within the Competent Authority, or his designated representative;

"horticulturally-grown trees" means planted trees that are grown through horticulture and in artificial environments such as agricultural land, private gardens, roadsides and paved areas, and excludes trees in protected areas or in areas outside the development zone growing in their natural environment, whether originally planted or not;

"near any tree" means five metres away from the circumference of the tree canopy or ten metres away from the tree trunk, whichever is the larger;

"outside the development zone" or "ODZ" means land outside the boundary for development in a planning scheme or local plan;

"owner" means either the direct owner or any person who holds a title of lease, emphyteusis or any other right of possession, or both owner of property and title together, jointly or separately;

"person" means any person, whether natural or legal, corporate or incorporate, and includes any person acting on his own behalf or under the instructions of any employer, master or owner;

"primary branches" means branches originating from the main trunk or trunks of the tree;

"protected areas" means any area protected through the Environment Protection Act or scheduled under the Development Planning Act, including Tree Protection Areas;

"protected tree species" means trees listed in Schedules I and II to these regulations;

"pruning" means the practice of cutting away of primary branches, secondary branches, offshoots, and suckers at the base of horticulturally-grown trees, with the aim of removing diseased or injured parts of the tree, or to influence vertical or lateral growth, or to increase flowering or fruit yield;

"related environment regulations" means the, the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006, the Protection of Birds Regulations, 2006 and any other related legislation; L.N. 311 of 2006 L.N. 79 of 2006.

"secondary branches" means branches originating from the primary branches of the tree;

"site" shall also include a single property or more than one property, irrespective of who is the owner of that property which forms part of the site which is designated as a Tree Protection Area through the provisions of regulation 6;

"smoking requisite", "cigarette" and "tobacco" have the same definition as is given to them in article 2 of the Tobacco (Smoking Control) Act; Cap. 315.

"surgical intervention" means any treatment required to save a tree from disease or mechanical damage, structural collapse, as well as treatments to prevent further damage in an already damaged tree;

"tree" means a perennial woody plant having a main trunk or trunks, and secondary branches supported clear of the ground, and a distinct crown, in all the stages of growth;

"Tree Protection Area" means any site published in the Gazette in terms of the provisions of regulation 6 of these regulations;

"Urban Conservation Area" or "UCA" means a historic area (village core) as identified in a planning scheme or local plan or other currently approved planning policies.

Administration of these regulations.

3. The Competent Authority shall be responsible for the administration, implementation and enforcement of these regulations.

PART II:

PROTECTION OF TREES AND WOODLANDS

Declaration of protected species.

S.L. 445.02

S.L. 10.22

Cap. 356.

4. Without prejudice to the provisions of Government Notice No. 269 of the 19th July, 1933 about a list of historical trees having an antiquarian importance, the Conifer Trees (Preservation) Regulations, 1949 published by Government Notice No. 328 of the 25th May, 1949, and tree preservation orders issued under Development Planning Act, it is hereby declared that: —

(a) the species of trees listed in Schedule I to these regulations are protected in accordance with the terms and conditions set out in the said Schedule I;

(b) the trees listed in Schedule II to these regulations are protected in accordance with the terms and conditions set out in the said Schedule II; and

(c) all trees sited in the Tree Protection Areas or other protected areas are protected, except trees listed in Schedule III.

Criteria for selection of important sites.

5. The Competent Authority shall compile and where appropriate update a list of important sites that:

(a) contain representative types of Maltese woodland communities; or

(b) contain woodland and forest communities which are in danger of disappearing in their natural area of distribution; or

(c) contain woodland and forest communities which have a reduced natural area of distribution as a consequence of their natural or man-induced regression or on account of their intrinsically restricted area; or

(d) contain woodland habitats critical to the survival, reproduction and recovery of endangered, threatened or endemic species of flora or fauna; or

(e) contain a single individual tree or a specified group of trees or a woodland of aesthetic, historical, cultural, arboricultural, scientific, educational or landscape interest; or

(f) include trees that in the Competent Authority's opinion are prominent landmark trees of particular relevance to site character; or

